A.L. 19 ta' l-1994

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

REGOLAMENTI TA' L-1994 TAL-KORS GĦALL-GRAD TA' MASTER OF EDUCATION — M.Ed.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu fl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 35 ta' dak l-Att.

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Education — M.Ed.*

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtiegx xort' oħra —

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' *Master of Education — M.Ed.;*

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' *Master of Education — M.Ed.*

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet mibdija fl-1989 jew wara.

Id-Dħul

3. (1) Biex kandidat ikun imdaħħal fil-Kors għandu jkollu xi waħda mill-

(a) il-grad ta' *Bachelor of Education (Honours) — B.Ed. (Hons.)* jew grad bl-unuri ieħor, f'kull każ bl-Ewwel jew it-Tieni Klassi bl-Unuri, flimkien ma' mhux inqas minn sena *full-time* ta' esperjenza rikonoxxuta fit-tagħlim u kwalifika professjonali fit-tagħlim li tikkonsisti fil-*Postgraduate Certificate of Education*, it-*Teacher's Certificate* jew kwalifika ekwivalenti; jew

(b) kwalifika meqjusa mill-Bord bħala ekwivalenti għal dawk imsemmija hawn fuq ta' din l-Università jew università oħra approvata mis-Senat għal dan il-għan.

(2) Il-Bord għandu jinnomina Kumitat għall-Grad ta' *Master of Education* biex jagħtih pariri dwar id-dħul tal-kandidati, il-programm akkademiku u dawk il-materji li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija xierqa tal-Kors.

(3) Il-Kumitat għall-grad ta' *Master of Education* għandu jkun magħmul mid-Dekan jew id-delegat tiegħu bħala *Chairman,* il-Kapijiet ta' Dipartiment fil-Fakultà u żewġ membri oħra maħturin mill-Bord. Membri oħra jistgħu jiġu *co-opted* mill-Kumitat jekk tinħass il-ħtieġa.

It-Tul tal-Kors

4. (1) It-tul tal-Kors normalment għandu jkun ta' sena akkademika għal kandidati *full-time* u sentejn akkademiċi għal kandidati *part-time*. Tista' tingħata estensjoni ta' sena tal-Kors bl-approvazzjoni tal-Bord fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Grad ta' *Master of Education*. F'każi eċċezzjonali, is-Senat jista' jagħti estensjoni tal-Kors ta' sena oħra.

(2) Kandidat, kemm jekk *full-time* jew *part-time* jinħtieġ li jirreġistra mill-ġdid għall-Kors fil-bidu ta' kull sena akkademika.

Programm tal-Kors

5. (1) Kandidat għall-Grad jeħtieġ jispeċjalizza f'xi qasam tat-Teorija ta' l-Edukazzjoni u/jew tal-Pedagogija.

(2) Il-Kors għandu jkun magħmul minn moduli mgħallma u minn dissertazzjoni.

(3) Għandu jkun hemm tliet moduli mgħallma li kull wieħed minnhom ikun ivvalutat b'*assignment.*

(4) Kull modulu jrid jintemm b'suċċess iżda min jeħel f'xi modulu jista' jirrepetih darba.

(5) Fi tmiem il-kors għandu jsir eżami bil-miktub li jikkonsisti f'erba' karti.

(6) Kandidat li jeħel f'xi karta ta' l-eżami bil-miktub jista' jitħalla mill-Bord, fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Grad ta' *Master of Education,* biex jerġa' joqgħod għall-eżami kollu sa perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx it-tnax-il xahar skond il-kalendarju.

Dissertazzjoni

6. (1) Kandidat għandu jispiċċa d-dissertazzjoni taħt superviżjoni tutorjali. It-tutur jista' jirreferi lill-Bord, permezz tal-Kumitat għall-Grad ta' *Master of Education*, kandidat li x-xogħol tiegħu jkun ikkunsidrat li ma jkunx sodisfaċenti.

(2) It-titolu propost u pjan tad-dissertazzjoni jridu jkunu approvati mit-tutur u sottomessi sa tmiem is-sitt xahar mill-bidu tal-Kors lill-Bord, permezz tal-Kumitat għal approvazzjoni finali. Kull tibdil sostanzjali fit-titolu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni proġettata, li jkun meħtieġ minħabba l-progress fl-istudju u r-riċerka tal-kandidat, għandu jiġi sottomess lill-Bord għall-approvazzjoni tiegħu.

(3) Id-dissertazzjoni għandha tkun sottomessa fil-għamla finali tagħha f'data preskritta li ma tkunx aktar tard minn tliet xhur wara l-eżamijiet finali.

(4) Kull dissertazzjoni għandha tkun:

(a) jew frott ta' xogħol oriġinali jew espressjoni ordinata u kritika ta' data eżistenti li jkollha x'taqsam ma' suġġett partikolari; u

(b) skond l-ispeċifikazzjonijiet kollha rilevanti f'dak li hu tul, għamla u preżentazzjoni.

(5) L-ebda dissertazzjoni m'għandha tkun aċċettata jekk tkun identika fis-sustanza ma' dissertazzjoni li tkun diġa' sottomessa għal xi grad ta' din l-Università jew ta' xi università oħra. Ma jinċaħadx id-dritt li kandidat ikun jista' jinkorpora xogħol minn dissertazzjonijiet magħmula qabel jekk ikun hemm il-ħtieġa biex l-esposizzjoni tiegħu tkun ippreżentata u tiftiehem aħjar, sakemm in-natura u l-kobor ta' inkorporazzjoni bħal dik tkun mistqarra bil-kitba b'mod ċar fid-dissertazzjoni nnifisha.

(6) Għandhom ikunu sottomessi tliet kopji tad-dissertazzjoni , imħejjija fl-istil approvat.

(7) Kull dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord ta' Eżaminaturi maħtura mill-Bord. Wieħed mill-eżaminaturi normalment ikun eżaminatur estern minn università oħra. L-eżaminaturi jistgħu, fid-diskrezzjoni tagħhom, jeżaminaw lill-kandidat oralment.

(8) Jekk ix-xogħol sottomess jitqies li mhux sodisfaċenti, il-Bord, fuq rakkomandazzjoni ta' l-eżaminaturi, jista' jħalli lill-kandidat jerġa' jissottometti d-dissertazzjoni darba fil-perijodu li ma jaqbiżx sena skond il-kalendarju.

Riżultat Finali

7. Kandidati li jgħaddu fil-valutazzjoni tal-moduli fl-eżami bil-miktub u li d-dissertazzjoni tagħhom tkun misjuba sodisfaċenti jikkwalifikaw għall-Grad u isimhom għandu jkun ippublikat f'ordni alfabetiku.